

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1175**tal-15 ta' Lulju 2015****li temenda d-Deċiżjoni 2006/473/KE fir-rigward tar-rikonoxximent tad-distrett maġisterjali Gordonia fl-Afrika t'Isfel bħala ħieles mill-Guignardia citricarpa Kiely (ir-razez kollha li huma patoġeniċi għaċ-Ċitru)***(innotifikata taħt id-dokument C(2015) 4749)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt 16.4 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV tagħha,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/473/KE ⁽²⁾, ċerti distretti maġisterjali tal-provinċja ta' Northern Cape tal-Afrika t'Isfel huma rikonnoxxuti bħala ħielsa mill-Guignardia citricarpa (ir-razez kollha li huma patoġeniċi għaċ-Ċitru).
- (2) Fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-Afrika t'Isfel fir-rigward tad-distrett maġisterjali ta' Gordonia, fil-provinċja ta' Northern Cape, u n-nuqqas ta' interċettazzjonijiet tal-Guignardia citricarpa Kiely (ir-razez kollha li huma patoġeniċi għaċ-Ċitru) fuq il-frott taċ-ċitru li joriġina f'dik iż-żona, jidher li d-distrett maġisterjali ta' Gordonia huwa ħieles minn dan l-organiżmu ta' ħsara. Għalhekk, jixraq li dan jiġi rikonnoxxut bħala ħieles mill-Guignardia citricarpa Kiely (ir-razez kollha li huma patoġeniċi għaċ-Ċitru).
- (3) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2006/473/KE għandha tiġi emendata skont dan.
- (4) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt (a) tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2006/473/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) L-Afrika t'Isfel: Western Cape; Northern Cape: id-distretti maġisterjali ta' Gordonia, Hartswater u Warrenton;”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠUL 169, 10.7.2000, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/473/KE tal-5 ta' Lulju 2006 li tagħraf ċerti pajjiżi terzi u ċerti żoni ta' pajjiżi terzi bħala ħielsa mill-Xanthomonas campestris (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru), iċ-Cercospora angolensis Carv. et Mendes u l-Guignardia citricarpa Kiely (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru) (ĠUL 187, 8.7.2006, p. 35).